Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita'
Active Ageing & Community Care

**Informazzjoni dettaljata dwar il-Programm t'Attivitajiet għall-Anzjani Għawdxin**

---

**07/09/2022 - Taħdita dwar il-Vitikultura**

**Kelliem:** Anton Mangion

**Post:** ikun ikkonfermat iktar 'il quddiem

**Ħin:** fid-9.30am

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Is-Sur Mangion se jkun qed jagħti ħarsa ġenerali lejn il-punti bażiċi tal-vitikultura u l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-ħsad ta' għeneb ta' kwalità. L-ipproċessar tal-inbid se jiġi trattat fid-dettall, b'enfasi fuq il-produzzjoni tal-inbid abjad u aħmar, u l-protokolli tal-produzzjoni tal-inbid.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibilita':** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw siġġu tar-roti.

---

**28/09/2022 - Ħarġa: Malta Aviation Museum**

**Post:** Malta Aviation Museum, Ta' Qali

**Niltaqgħu:** fid-9.30am quddiem l-entratura tal-Malta Aviation Museum

**Prezz tal-attività**: Dħul mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Iż-żjara fil-Mużew tal-Avjazzjoni se tkun tikkonsisti fi żjara gwidata tal-mużew, li tieħu mhux inqas minn siegħa u nofs. Fil-Mużew tal-Avjazzjoni hemm eżibiti ajruplani oriġinali assoċjati mal-Istorja ta' Malta fosthom il-Hurricane u l-iSpitfire, kif ukoll mudelli oħra li ntużaw mill-Forzi Armati ta' Malta. Wara ż-żjara fil-Mużew se nibqgħu sejrin ġewwa t-Trophies Lounge Ta' Qali, minn fejn wieħed jista' jara veduta tal-Istadium Nazzjonali.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibbilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti. Fil-post għandhom ukoll żewġ siġġijiet tar-roti disponibbli għal min ikollu bżonn

---

**05/10/2022 - Mixja Kulturali u żjara fit-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra**

**Gwida:** Ray Busutill

**Post:** Qrendi

**Niltaqgħu:** fid-9.30am ħdejn il-Kappella tal-Maqluba l-Qrendi

**Prezz tal-attività**: mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Niltaqghu minn ħdejn il-Kappella tal-Maqluba l-Qrendi u minn hemm, f'nofs il-mixja, nagħmlu żjara fit-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, wara nkomplu nimxu f'dawk l-inħawi u nispiċċaw Wied iż-Żurrieq.

**Waqt l-attivita' nieqfu għal pawża qasira ta' rikreazzjoni.**

**Aċċessibiltà:** Il-persuni li jipparteċipaw f'din l-attività jrid ikollhom mobbiltà tajba.

---

**26/10/2022 - Taħdita u Żjara fiċ-Ċittadella**

**Kelliema:** Nicoline Sagona

**Post:** Iċ-Ċittadella

**Niltaqgħu:** fid-9.30am ħdejn iċ-Ċittadella Visitors' Centre

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Naslu fid-9.30 ta' filgħodu u nżuru iċ-Ċittadella
Visitors' Centre; hemm l-anzjani se jattendu għal awdjo viżwali ta' tmien minuti.
Wara nżuru iċ-Ċittadella Cultural Centre, fejn hemm issir taħdita ta' madwar sagħtejn.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibilita':** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw siġġu tar-roti.

**09/11/2022 - Żjara fil-Palazz tal-Inkwiżitur**

**Kelliem**: Il-kuratur tal-palazz

**Post:** Il-Palazz tal-Inkwiżitur, Birgu

**Niltaqgħu:** fid-9.30am quddiem l-entratura tal-Palazz tal-Inkwiżitur

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Matul din iż-żjara se jkollna introduzzjoni dwar il-Palazz u l-Inkwiżizzjoni. Matul din iż-żjara, se ningħataw taħdita interessanti dwar is-sengħa tal-bizzilla, grazzi għas-Sinjura Anna Maria Gatt, li hija l-kuratur tat-tessuti u l-kostumi tal-istess palazz.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibiltà:** il-post mhuwiex aċċessibbli għal min juża s-siġġu tar-roti minħabba li hemm it-taraġ. L'anzjani li jattendu għal din l'attivita ridu ikun jista' jimxi minajr għajnuna.

---

**23/11/2022 - Golden Oldies: Il-mużika tas-Sittinijiet**

**Kelliem:** Charles Visanich

**Post:** ikun ikkonfermat aktar 'il quddiem

**Niltaqgħu**: fid-9.30am

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni**: Ħarsa lura lejn id-dinja mużikali tas-snin tad-deheb, is-snin sittin. Matul il-preżentazzjoni se jingħata tagħrif dwar dan l-aspett importanti tal-kultura popolari ta' dik l-era. Bl-għajnuna tal-awdjo-viżiva, se nkunu nistgħu naraw u nisimgħu l-esponenti prinċipali ta' dawk is-snin, li permezz tagħhom il-mużika tas-sittinijiet daret u ħakmet id-dinja mużikali, fejn ħalliet it-timbru tagħha mhux biss fil-ġenerazzjoni ta' żmienha iżda influwenzat kompożituri, mużiċisti u kantanti oħra li ġew fis-snin ta' wara.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

---

**07/12/2022 - Nostalġija – Taħdita fuq il-ħajja tal-imgħoddi**

**Kelliem:** Max Farrugia

**Post:** ikun ikkonfermat aktar 'il quddiem

**Niltaqgħu:** fid-9.30am

**Prezz tal-attività**: Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Waqt din it-taħdita, se mmorru fuq vjaġġ lura fiż-żmien fejn se nerġgħu niftakru flimkien l-attivitajiet tal-passat fosthom il-logħob antik. Se nitkellmu wkoll dwar dak li jsawwarna bħala Maltin fosthom, il-kultura, il-patrimonju Malti u nies li għamlu isem f'pajjiżna.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw siġġu tar-roti.

---

**21/12/2022 - Esplora**

**Post:** Esplora Interactive Science Centre, Villa Bighi, Kalkara

**Niltaqgħu:** fid-9.30am quddiem l-entratura tal-Esplora

**Prezz tal-attività** Mingħajr ħlas

**Deskrizzjoni:** Mawra li se toħodna l-Esplora, iċ-ċentru tax-xjenza interattiva f'Malta. Matul din iż-żjara wieħed jista' jesperjenza u jieħu sehem f'attivitajiet u logħob relatati max-xjenza.

**Waqt l-attività se jiġu servuti xi refreshments**

**Aċċessibilità:** Aċċessibbli għal kulħadd inkluż dawk il-persuni li jużaw siġġu tar-roti.

---